

Proċedura — Reviżjoni ta' sentenza — Kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà tat-talba — Fatt ġdid — Kunċett — Fatt magħruf qabel ma tingħata s-sentenza — Esklużjoni — Inammissibbiltà (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 44) (ara l-punti 15-18)

Suġġett

Rikors għal reviżjoni li għandu bħala suġġett id-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ta' l-14 ta' Diċembru 2006 fil-Kawża C-12/05 P.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal reviżjoni mressqa minn H. Meister hija miċħuda bħala inammissibbli.
- 2) H. Meister u l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-29 ta' Novembru 2007 —
Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Taljana**

(Kawża C-119/06)

“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tad-Direttiva 92/50/KEE relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal servizzi — Għoti ta' kuntratt mingħajr sejħa għal offerti — Għoti ta' servizzi ta' transport sanitarju fit-Toscana”

1. *Approssimazzjoni tal-liġijiet — Proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi għal servizzi — Direttiva 92/50 — Kamp ta' applikazzjoni (Direttiva tal-Kunsill 92/50) (ara l-punti 34-52)*
2. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Prova tan-nuqqas — Oneru tal-prova li jaqqa' fuq il-Kummissjoni (Artikolu 226 KE) (ara l-punti 57, 65, 66)*
3. *Approssimazzjoni tal-liġijiet — Proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi għal servizzi — Direttiva 92/50 — Għoti ta' kuntratti (Artikoli 43 KE u 49 KE; Direttiva tal-Kunsill 92/50) (ara l-punti 63, 64)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur ta' l-Artikoli 11, 15 u 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal servizzi (ĠU L 209, p. 1) — Għoti ta' kuntratt mingħajr pubblikazzjoni ta' l-avviż xieraq — Għoti ta' servizzi ta' trasport sanitarju fit-Toscana.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż.